MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2012

Numru 101/2012

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR BERNARD CHARLES SPITERI**
**SPETTUR FRANK ANTHONY TABONE)**

-VS-

**Omissis 1**
**Omissis 2**
**AA**
**Omissis 3**

Lil **Omissis 1 u lil AA wahidhom** :

talli fis-16 ta’ Dicembru 2012 ghall-habta tat-tlieta neqsin ghoxrin ta’ filghodu (2.40hrs) fiz-Zebbug Ghawdex bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjonti ghad-delitt, liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u cioe' ppruvaw jikkomettu reat ta' serq minn gewwa l-kazin tal-Banda taz-Zebbug, liema serq kien se jkun aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bi vjolenza ghad-dannu ta' AB, AC u/jew persuni ohra.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Novembru 2012 u l-1 ta' Dicembru 2012, minn gewwa c-Centru Parrokjali tal-Gharb, Ghawdex f'hinijiet differenti kkommettew serq ta' flus, kif ukoll ta' oggetti ohra li jikkonsistu f'sigaretti, flixken tar-Redbull, pakketti tal-Pringles u cikkulata liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centerzmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' AD u/jew persuni ohra.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Novembru 2012 u l-1 ta' Dicembru 2012 u fil-granet ta' wara f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Lil **Omissis 1 wahdu** :

Talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta'Ottubru 2012 minn gewwa l-kazin tal-Banda Mnarja fi Triq 13 ta' Dicembru, Nadur, Ghawdex f'hinijiet differenti kkommetta serq ta' flus, flixken tax-xorb, numru ta' grosos sigaretti, numru ta' pakketti tas-sigarri u numru ta' pakketti tal-brim fost oggetti ohrajn, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jaqbez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' AE u/jew persuni ohra.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru 2012 u fil-granet ta' wara f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistat b'reat,

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Ottubru 2012 minn gewwa l-kazin tal-Banda Mnarja fi Triq 13 ta' Dicembru, Nadur, Ghawdex, f'hinijiet differenti volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin cetenzmu (€116.47) izda li ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.49) u dan ghad-dannu ta' Mario Portelli u/jew persuni ohra.

Lil **Omissis 1, Omissis 2 u Omoissis 3 wahidhom** :

Talli fix-xahar ta' Ottubru 2012 u fix-xhur ta' qabel min gewwa c-Centru Parrokkjali tal-Gharb, Ghawdex f'hinijiet differenti kkommettew serq ta' flus, kif ukoll numru ta' grosos ta' sigaretti, flixken tax-xorb fost oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-vjolenza u bil-valur li jammonta ghall-aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' AD u/jew persuni ohra.

U aktar fix-xahar ta' Ottubru 2012 u fix-xhur ta' wara f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hweejeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat, sew jekk dan sar f'Mala jew barra minn Malta, jew xjentement b'kullmod li jkun, indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Lil **AA wahdu** :

Talli nhar is-16 ta' Dicembru 2012 u fil-granet ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer f'hiniiet differenti kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe' arma li taqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja minghand il-Kummissarrju tal-Pulizija.

Filwaqt li esebew l-fedina penali u l-kopja ta' certifiikat ta' twelid ta' l-imputati, talbu li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Frank Anthony Tabone.

Rat l-artikoli 37, 41, 261(a), (b), (c), u f, 262(1)(b), 263(a) u(b), 267, 270, 279(a), 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7 tal-Kap 446 u l-artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta..

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; kif ukoll ir-raba' imputazzjoni u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet akkuza fil-konfront tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tallum.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, li kkolabora mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-istess imputat iddikjara li se jaghmel tajjeb ghall-ammont u oggetti misruqa u li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta.

Tqis li in vista ta’ l-eta’ tal-imputat ikun aktar opportun li jinghata l-opportunita’ li jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 37, 41, 261(a), (b), (c), u f, 262(1)(b), 263(a) u(b), 267, 270, 279(a), 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 7 tal-Kap 446 u l-artikolu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza stante li giet irtirata, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjoni migjuba kontrih u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggih taht Ordni ta’ Probation ghal zmien ta’ tlett (3) snin millum.

Inoltre’ tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Probation.

Kopja ta’ din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------